B 1925

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,132, 17 ta' Ottubru, 2023
Taqsima B

A.L. 240 tal-2023

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2023 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Translation and Interpreting Studies – M.A. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Arti bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2023 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Arts in Translation and Interpreting Studies – M.A. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Arti;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Arts in Translation and Interpreting Studies – M.A.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Arts in Translation and Interpreting Studies – M.A.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2023 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Il-Kors huwa miftuħ għall-applikanti li għandhom kwalunkwe grad tal-ewwel ċiklu minn din l-Università jew minn istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla rikonoxxuta mis-Senat, miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew f'Kategorija II jew l-ekwivalenti.

(2) L-applikanti huma meħtieġa juru li l-livell tal-Ingliż tagħhom jissodisfa r-rekwiżit dwar il-lingwa Ingliża tal-Università kif ippubblikat fuq is-sit elettroniku uffiċjali tal-Università fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Barra minn hekk huma meħtieġa li jkollhom livell għoli ta' proficjenza fil-lingwa nattiva tagħhom (fil-livell C2 skont il-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi). L-offerta ta' post fuq il-Kors tista' tkun bil-kundizzjoni li l-applikanti jiksbu dawn il-kwalifiki ta' proficjenza qabel il-bidu tal-istudji tagħhom.

(3) Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat l-għadd ta' applikanti li jistgħu jitħallew jirreġistraw għall-Kors, skont id-disponibilità tar-riżorsi. Il-Bord għandu jħabbar l-għadd ta' postijiet disponibbli fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(4) Meta l-għadd ta' postijiet huwa hekk limitat u l-għadd ta' applikanti eliġibbli jaqbeż l-għadd ta' postijiet disponibbli, l-applikanti għandhom ikunu magħżula skont dawn il-kriterji u l-piżijiet li ġejjin:

(a) test ta' ħiliet fil-lingwa, it-traduzzjoni u l-interpretazzjoni – 70%; u
(b) il-livell milħuq waqt intervista – 30%.

(5) Il-bord tal-intervisti maħtur mill-Bord għandu jkun magħmul minn tal-anqas tliet membri.

(6) Il-bord tal-intervisti jista' jagħmel użu minn mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi biex jagħmel it-test u l-intervista msemmija fil-paragrafu (4) ta' dan l-ordinament.

(7) Għall-għan tal-għażla, l-applikanti li jissodisfaw kompletament ir-rekwiżiti kollha għad-dħul sal-31 ta' Awwissu qabel il-bidu tal-Kors għandhom ikunu kkunsidrati l-ewwel u dawk li għalihom hemm postijiet disponibbli jkunu aċċettati u nfurmati dwar dan. Jekk ikun għad hemm postijiet vakanti disponibbli, l-applikanti li jiksbu l-kwalifiki neċċessarji kollha wara l-31 ta' Awwissu u qabel it-30 ta' Settembru jkunu kkunsidrati biex jimlew il-postijiet li jibqa'.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors għandu jinfirex fuq erba' semestri ta' studju fuq bażi full-time jew l-ekwivalenti fi studju fuq bażi part-time.

Il-Programm ta' Studju

5. Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat mill-Bord wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors. Għandu jinkludi taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 120 krettu ECTS, li minnhom 90 krettu ECTS huma assenjati għal taqsimiet studju mgħallma u 30 krettu ECTS huma assenjati għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni.

6. L-istudenti jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Grad jekk jiksbu l-120 krettu ECTS kif speċifikat fil-programm ta' studju għall-Kors b'marka medja tal-anqas ta' 50%.

Id-Dissertazzjoni

7. (1) L-istudenti huma meħtieġa jissottomettu dissertazzjoni individwali ta' madwar 20,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord. Il-Bord jista' jippreskrivi tul differenti jekk in-natura tar-riċerka hekk titlob. Id-dissertazzjoni trid ukoll tissodisfa lill-Bord fir-rigward tal-kontenut, il-lingwa u l-preżentazzjoni.

(2) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord sal-bidu tat-tielet semestru.

(3) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir waqt ir-raba' semestru tal-Kors. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(4) L-istudenti għandhom iżommu kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom.

(5) Fejn xieraq is-superviżuri għandhom jibagħtu lill-Bord rapporti dwar il-progress tal-istudenti kollha taħt is-superviżjoni tagħhom sal-aħħar ta' kull semestru ta' studji. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni biex jew (a) il-perijodu ta' studju jkun imtawwal biex l-istudenti jkunu jistgħu jispiċċaw id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur iqis li dan hu xieraq fiċ-ċirkustanżi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudenti li jiddefendu l-każ tagħhom.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

8. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi Part-Time

9. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi part-time, u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura part-time tal-Kors.